# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 378/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jonathan Paul Micallef**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jonathan Paul Micallef**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 101072(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Marzu 2020 għal ħabta ta' 15:00hrs kif ukoll fil-ġranet preċedenti fi Triq il-Granmastri, Marsascala (vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR 281):

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

4. waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, mar kontra s-sinjal tat-traffiku (No Entry).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti kien jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2021 (Dok. "X" – *a fol.* 88) fejn il-Qorti:

- illiberat lill-imputat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni;

- sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- ikkundannat lill-imputat iħallas multa ta' mitt Euro (100), skwalifikatu milli jkollu liċenzja jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint (8) ijiem u mponiet tliet (3) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 51 *et seq.*), liema Rikors jagħmel riferenza għall-imputazzjonijiet tal-20 ta' Marzu 2020 u li jagħmel riferenza wkoll għal TRF-00257-2020-5 (li huwa n-numru ta' riferenza li hemm fuq l-imputazzjonijiet – *a fol.* 1), fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma din is-sentenza f'illi fl-ewwel lok tikkonferma l-preskrizzjoni tar-raba' (4) akkuża u l-liberatorja fuq imputazzjonijiet numru 1 u 3 u tħassar is-sejbien ta' ħtija fis-sentenza appellata mogħtija fl-ismijiet premessi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq, nhar il-5 t'Ottubru 2021 u konsegwentement tillibera lill-esponent appellant."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2023 fejn din il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dana stante li l-Qorti rriżultalha li l-atti proċesswali ma kienux jikkontjenu s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u li minnha ġie mressaq l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri.

Semgħet, fis-seduti tal-25 ta' Lulju 2023 u tat-13 ta' Settembru 2023, xhieda jixhdu fir-rigward ta' dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2021.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji b'dan illi din il-Qorti hija tal-fehma l-ewwel tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2021, l-Ewwel Qorti preseduta mill-istess Maġistrat tat sentenza fir-rigward ta' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat u tat sentenza oħra wkoll kontra l-istess appellant allura imputat fir-rigward ta' imputazzjonijiet oħra (li huma mertu ta' appell ieħor deċiż illum stess minn din il-Qorti kif preseduta – Appell Numru 379/2021/1);

- iż-żewġ kawżi li ġew imsemmija fil-paragrafu preċedenti kienu identiċi f'kollox għajr għad-data u l-ħin: l-istess persuna ġie akkużat bl-istess erba' imputazzjonijiet, fl-istess triq, fl-istess lokalita', bl-istess vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBR 281 b'dan illi filwaqt li waħda ġġib d-data tal-20 ta' Marzu 2020, l-oħra ġġib id-data tat-8 ta' Lulju 2020;

- fis-6 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 77) din il-Qorti kif preseduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u dana wara li rriżultalha li l-atti proċesswali ma kienux jikkontjenu fihom is-sentenza appellata;

- fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2023 xehed Franklin Calleja (ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali) fejn ippreżenta vera kopja ta' żewġ sentenzi (Dok. "X" – *a fol.* 88 u Dok. "Y" – *a fol.* 89) li ġew mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta' Jonathan Paul Micallef dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2021;

- iż-żewġ sentenzi msemmija fil-paragrafu preċedenti ma kellhomx imniżżla l-imputazzjonijiet li bihom l-appellant allura imputat kien akkużat bihom quddiem l-Ewwel Qorti u dana minkejja li fuq is-sentenzi msemmija (Dok. "X" – *a fol.* 88 u Dok. "Y" – *a fol.* 89) hemm miktub hekk:

  > "Rat l-imputazzjoni/jiet <u>fuq il-paġna ta' wara</u> li nħarġu kontra l-imputat/a" [emfażi miżjuda];

- fil-verbal ta' meta ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti mertu ta' dawn il-proċeduri ċioè dakinhar tal-5 ta' Ottubru 2021 (*a*

*fol.* 48) hemm imniżżel ir-riferenza "TRF-257-2020-5" li jaqbel mar-riferenza li hemm fuq l-imputazzjonijiet (*a fol.* 1) addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat;

- fil-verbal imsemmi fil-paragrafu preċedenti hemm imniżżel hekk: *"Il-Qorti ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1) u t-tielet akkużi, ssibu ħati tat-tieni (2) u r-raba' (4) akkużi. Tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' €100 u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' 8 t'ijiem u timponi 3 punti penali";*

- fir-Rikors tal-appell tal-appellant (*a fol.* 51 *et seq.*), liema Rikors jagħmel riferenza għall-imputazzjonijiet tal-20 ta' Marzu 2020, l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma din is-sentenza f'illi fl-ewwel lok tikkonferma l-preskrizzjoni tar-raba' (4) akkuża u l-liberatorja fuq imputazzjonijiet numru 1 u 3 u tħassar is-sejbien ta' ħtija fis-sentenza appellata mogħtija fl-ismijiet premessi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq, nhar il-5 t'Ottubru 2021 u konsegwentement* <u>*tillibera*</u> *lill-esponent appellant."*

Illi jirriżulta li r-Rikors tal-appell tal-appellant mhux qed jagħmel riferenza eżatta għal dak li ġie effettivament deċiż mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti mhijiex ser tagħmel konsiderazzjonijiet dwar dan u anqas dwar dak imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant u dana peress li din il-Qorti ser tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar dak li jirriżulta mis-sentenza li ġiet eżebita mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u li <u>suppost</u> tirrigwarda l-imputazzjonijiet li bihom l-appellant allura imputat ġie akkużat bihom quddiem l-Ewwel Qorti u li dwarhom ingħatat is-sentenza appellata u dwar liema huwa l-appell mertu ta' din is-sentenza. Hawn din il-Qorti tirreferi għal dik is-sentenza li ġiet immarkata bħala Dok. "X" (*a fol.* 88). Intużat il-kelma "suppost" peress li kif ingħad aktar 'il fuq, din is-sentenza ma għandhiex riprodotti fiha l-imputazzjonijiet u anqas ma hemm annessi magħha l-istess imputazzjonijiet kif jingħad fis-sentenza.

Illi din il-Qorti waslet biss biex tikkunsidra li s-sentenza mmarkata bħala Dok. "X" (*a fol.* 88) hija dik li tirrigwarda l-imputazzjonijiet f'dawn il-proċeduri peress li qabblet dak li ġie deċiż fiha mill-Ewwel Qorti ma' dak li hemm imniżżel fil-verbal tas-seduta ta' meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza msemmija (liema verbal ġie kkwotat aktar 'il fuq). Bħala parenteżi din il-Qorti tinnota li ma għandhiex hi li toqgħod tipprova tifhem liema sentenza hija ta' liema kawża u dana anke minħabba li dak mitlub fir-Rikors tal-appell tal-appellant ma jaqbilx ma' dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi l-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull irregolarita' jew impreċiżjoni li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita' tagħha. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi għandu jingħad li n-nuqqas ta' osservanza ta' wieħed jew iktar mir-rekwiżiti msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal għal nuqqas ta' ħtieġa formali essenzjali li timpinġi fuq is-sentenza u l-alidita' tagħha. F'diversi sentenzi[1] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta ngħad kif l-elementi msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma meqjusa *ad validitatem* u jridu jiġu osservati skrupolożament. Din l-iskrupolożita' fl-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l-

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia** (28 ta' Mejju 1987), **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** (26 ta' Mejju 1994), **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat** (10 ta' Ġunju 1994), **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005 – 27 ta' April 2006), **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia** (Numru 357/2014 – 19 ta' Novembru 2015), **Il-Pulizija vs. Philip Zahra** (Numru 348/2015 – 28 ta' Settembru 2017), **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon** (Numru 384/2018 – 17 ta' Jannar 2019).

imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jridu jkunu eżenti minn kull forma ta' żball jew ineżattezza, anke jekk tkun relattivament żgħira jew minuri. Spiss jiġri li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fihom ineżattezzi li pero' mhux neċessarjament iwaslu għan-nullita' tas-sentenza. Huma dawk l-ineżattezzi li jissarrfu fl-inosservanza ta' dawk l-elementi kontemplati f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jwaslu għan-nullita' tas-sentenza. Anke hawn, l-imsemmi Artikolu 382 irid jiġi interpretat fuq naħa b'mod rigoruż, in kwantu jolqot aspetti li jolqtu s-sustanza tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, iżda jrid jiġi interpretat b'mod strett fuq in-naħa l-oħra in kwantu kemm jista' jkun trid tiġi mħarsa l-preżunzjoni tal-validita' u l-integrita' tas-sentenza li tkun ġiet emanata. B'hekk dawn ir-rekwiżiti essenzjali jridu jiġu mħarsa iżda interpretati b'mod strett.[2]

Illi kif ingħad aktar 'il fuq ir-*ratio legis* wara Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom il-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu r-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 2021 (Dok. "X" – *a fol.* 88) hemm imniżżel kemm il-piena kif ukoll l-Artikoli tal-liġi li jikkontemplaw l-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Fir-rigward tar-rekwiżit tal-"fatti" li jissemma f'Artikolu 382 hawn fuq kkwotat għandu jingħad illi, speċjalment fil-każ ta' kawżi sommarji, dejjem ġie ritenut li r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet huwa biżżejjed sabiex jissodisfa dan ir-rekwiżit tal-"fatti". Hekk ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi fl-

[2] Ara **Il-Pulizija vs. Neil Falzon** (Numru 851/2015 – 6 ta' Diċembru 2022).

ismijiet **Il-Pulizija vs. Mariella Caruana** (Numru 326/2010 – 15 ta' Diċembru 2010), **Il-Pulizija vs. John Tanti** (Numru 546/2010 – 24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Carmel Polidano** (Numru 338/2013 – 11 ta' Diċembru 2013), **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** (Numru 129/2010 – 28 ta' Lulju 2020) u **Il-Pulizija vs. Salvino Debrincat** (Numru 242/2022 – 25 ta' Novembru 2022).

Illi fir-rigward tar-rekwiżit tal-"fatti" li jissemma f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta, fost l-oħrajn, id-data tas-sentenza, l-isem, il-kunjom u l-Karta tal-Identita' tal-appellant u jirriżulta wkoll is-segwenti:

> "Rat l-imputazzjoni/jiet annessi fuq il-paġna ta' wara li nħarġu kontra l-imputat/a." [emfażi miżjuda]

Illi minkejja dak li għadu kemm ingħad, kif diġà ngħad, is-sentenza ma kellhiex annessi magħha l-imputazzjonijiet u b'hekk, apparti dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti għandha dubju dwar liema fatti eżatt ġie misjub ħati tagħhom l-appellant allura imputat. B'hekk din il-Qorti tinnota li f'dawn il-proċeduri li għandha quddiemha ma ġiex sodisfatt ir-rekwiżit tal-"fatti" imsemmi f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hemm nieqas wieħed mir-rekwiżiti li jemerġu minn Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk mhijiex kwistjoni ta' formaliżmu żejjed kif jingħad fis-sentenza ċitata pero' f'dan il-każ din il-Qorti ġiet rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn ma tafx ta' liema fatti l-appellant allura imputat ġie misjub ħati.

Ill l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

"Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

> [...]
>
> Għaldaqstant <u>l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati</u>, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati." [emfażi miżjuda]

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika liema kienu "il-fatti" jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Illi minkejja li fis-sottomissjonijiet finali mismugħa fis-16 ta' Novembru 2023 din il-Qorti kif preseduta ġiet mitluba sabiex tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-każ jerġa' jinstema' mill-ġdid, pero' din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li jsir hekk u dana b'mod speċjali minħabba li kienet din il-Qorti li qajjmet il-kwistjoni tal-"fatti" kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza u meta jirriżulta li dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti jinstab kompilat fl-atti proċesswali, għajr dak li ngħad dwar is-sentenza appellata.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-

> Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

__________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

__________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**